MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2013

Rikors Numru. 1210/2012

**Fl-atti tar-rikors guramentat Nru. 1200/07 JZM fl-ismijiet :**

**Philip Grima**
**vs**
**Casfen Limited et u**

**Wara l-mandat ta` Sekwestru Kawtelatorju Nru. 825/11 fl-ismijiet :**

**Philip Grima**
**vs**
**Casfen Construction Ltd (C19774)**
**u**
**C & J Mifsud Limited (C5236)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors ta` Casfen Construction Ltd (C19774) u ta` C & J Mifsud Limited (C5236) (“ir-rikorrenti”) [intimati fil-Mandat ta` Sekwestru Kawtelatorju fl-ismijiet premessi (“Il-Mandat”)] presentat fit-3 ta` Dicembru 2012 quddiem din il-Qorti fejn, ghar-ragunijiet hemm imfissra, talbu r-revoka tal-Mandat *in toto* jew *in parte* abbazi tal-Art.836(1)(d) u (f) tal-Kap.12.

Rat id-digriet taghha tas-7 ta` Dicembru 2012.

Rat ir-risposta ta` Philip Grima (“l-intimat”) [rikorrent fil-Mandat] tad-19 ta` Dicembru 2012.

Wara li kien sodisfatt dak li jghid l-Art.836(3) tal-Kap.12, din il-Qorti sejra tghaddi biex tiddeciedi dwar ir-rikors *in camera* fit-termini ta` l-Art.836(4) tal-Kap.12.

**Ikkunsidrat :**

Meta l-intimat li kontrih ikun inhareg att kawtelatorju (ir-rikorrenti fil-kaz tal-lum) jipprocedi skond l-Art.836(1) tal-Kap.12 sabiex jitlob ir-revoka *in toto* jew *in parte* tal-att, huwa obbligat iressaq it-talba tieghu permezz ta’ rikors u jsostni t-talba skond xi wahda mir-ragunijiet li huma elenkati minn paragrafi (a) sa (f) tal-istess Art.836(1). Fil-kaz in ezami, ir-rikorrenti ressqu it-talba taghhom abbazi ta’ tnejn minn dawn ir-ragunijiet u cioe’ l-paragrafi (d) u (f).

Il-paragrafu (d) jaqra hekk –

*jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv.*

Il-paragrafu (f) jaqra hekk –

*jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.*

Din il-Qorti sejra tippronunzja ruhha dwar l-ewwel disposizzjoni.

Bhala punt ta` dritt, din il-Qorti tghid illi fl-accertament tal-pretensjoni tar-rikorrenti, l-ezami li hija trid taghmel huwa biss accertament *prima facie* ghaliex il-mertu kollu jigi trattat u deciz minnha stess kif presjeduta fil-kawza bejn il-partijiet li hija pendenti. Ghalhekk hemm limitazzjoni sinjifikanti fl-ezami li trid taghmel f'dan l-istadju, tenut kont li hawn si tratta ta' procedura preliminari li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza.

F`dan il-kuntest taghmel riferenza ghall-**provvediment moghti minn din il-Qorti diversament presjeduta (PA/JRM) fid-29 ta` Lulju 2005 fir-Rikors Nru. 336/2005** fejn inghad hekk –

*Wiehed m`ghandu qatt jinsa li f`dan il-kuntest il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m`ghandux jigi mfixkel jew imgarrab b`leggerezza u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti. Minn dak li hareg waqt is-smigh tar-rikors, il-Qorti ssib li l-intimata ezekutanti ghandha, tajjeb jew hazin, pretensjoni ta` hlas. Min-naha l-ohra, li kieku l-Qorti, f'dan il-waqt, taghti decizjoni dwar jekk huwiex minnu jew le, tkun qeghda tiddeciedi l-qofol tal-mertu tal-kontrotalba mressqa mill-intimata u tmur lil hinn mill-parametri li hija mistennija tidhol fihom fi procedura bhal din. Jerga` jinghad hawnhekk li dan l-accertament ma ghandu bl-ebda mod ifisser li l-istess intimata wettqet il-prova fil-mertu ta` dak li huwa (jekk tassew huwa) dovut lilha,*

*imma biss li dak li trid thares bil-hrug tal-Mandat inghata minnu tifsira plawsibbli lil din il-Qorti dwaru.*

Dan premess, din il-Qorti tirrileva illi bhala fatt jirrizulta illi fir-rikors guramentat, l-intimat qieghed jitlob lill-Qorti biex tillikwida d-danni li jallega li garrab kagun tal-agir tar-rikorrenti jew min minnhom.

Fir-risposta tieghu, l-intimat mhuwiex jikkontesta illi fil-Mandat talab il-kawtela favur tieghu ta` zewg ammonti, u cioe` *quantum* ta` danni u *quantum* ta` imghax. Ighid biss illi d-danni li garrab *ser ikunu probabilment superjuri ghal dawk kawtelati bil-mandat.*

Din il-Qorti ma taqbilx illi l-intimat kellu jaghmel hekk.

Jekk il-pretensjoni tieghu ghal danni kienet sejra tkun gholja u konsiderevoli, kien messu *se mai* ndika l-ammont pretiz bhala *sorte* ghaliex in vista tal-mod kif huwa stess imposta t-talbiet, il-fatt jibqa` li l-imghax huwa *da liquidarsi.*

Kwindi din il-Qorti tghid illi *prima facie* l-ammont li l-intimat indika bhala *quantum* ta` imghax fil-Mandat mhuwiex gustifikat tenut kont tan-natura tat-talbiet tieghu fil-kawza fil-mertu.

In kwantu ghall-oggezzjoni u ghall-argumenti tar-rikorrenti fir-rigward tal-*quantum* ta` danni li kien indikat fil-Mandat, din il-Qorti ma tistax tghid *prima facie* li l-ammont kawtelat huwa ingustikat jew eccessiv.

Fil-kawza fil-mertu hemm mahtur perit tekniku u cioe` l-Perit Mario Cassar li ghandu l-inkariku li jirrelata

dwar it-talbiet tal-intimat. B`riferenza ghall-argumenti tar-rikorrenti fir-rikors taghhom tal-lum, din il-Qorti, bla ma tiskonfina minimament fil-mertu tal-kawza, tghid illi jekk fl-1993, il-perit *ex parte* tal-intimat kien wasal biex stima d-danni tal-intimat fl-ammont ta` Lm28,000, illum li diga` ghaddew ghoxrin (20) sena, dak il-*quantum* suppost zdied almenu *prima facie.* Dan kollu qieghed jinghad minghajr pregudizzju kwalsiasi ghall-kwistjoni tar-responsabilita` li, bhal-likwidazzjoni tad-danni, ghad iridu jigu stabbiliti fil-kawza fil-mertu.

In vista tal-premess, din il-Qorti tghid li jirrizultaw ir-rekwiziti tal-paragrafu (d) sabiex il-Mandat jigi revokat *in parte.*

Billi hekk kien stabbilit, din il-Qorti ma tarax li hemm aktar htiega illi taghti aktar konsiderazzjoni ghall-pretensjoni tar-rikorrenti fir-rigward tal-paragrafu (f) tal-Art.836(1) tal-Kap.386.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tirrevoka *in parte* l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru. 825/2011 fl-ismijiet *"Philip Grima (I.D. 454224M) vs Casfen Construction Ltd (C19774) u C & J Mifsud Limited (C5236)"* billi tghid li l-ammont kawtelat bil-Mandat de quo ma ghandux jibqa` kif inhu llum ta` mija sebgha u sebghin elf hames mija tmienja u sebghin Ewro sitta u sittin centezmu (€177,578.66) izda ghandu jsir l-ammont ta` tmienja u disghin elf sitt mija erbgha u hamsin Ewro wiehed u tmenin centezmu (€98,654.81).**

**Tordna li l-ispejjez ta` dan il-procediment ghandhom jigu regolati skond is-sentenza fil-mertu.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------